MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2014

Numru. 1236/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ian Abdilla)**

**vs.**

**Alfredo Fenech**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Alfredo Fenech ta’ 70 sena, bin Giuseppe u Paola nee’ Camilleri, imwieled Valletta fis-26 ta’ Ottubru 1938, u li joqghod 198, Flat 7, Triq Repubblika, Valletta, detentur tal-Karta tal-Identita’ numru 829738M.

Akkuzat talli:

1) Talli f'Novembru 2008, u fis-snin u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

   a) Approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, gizirana tad-deheb li tiswa aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Anthony Zammit, liema gizirana giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat:
   b) U aktar talli fl-istess data, hin u lokalitajiet, ircieva jew kiseb minghand Marvic McKay xi weghda li nghata lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew xi qligh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali fid-29 ta' Lulju, 2009[1], fejn deherlu li tista' tinstab htija taht:

(a) l-artikoli 18, 293, 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) l-artikoli 18, 298C(1), 298C(2), 298C(3), 298C(4), 298C(5), 298C(6) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) l-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex dana l-kaz jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda, u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

[1] Ara fol. 45 tal-process.

Ikkunsidrat:

**Konsiderazzjonijiet dwar il-Fatti**

Fil-kaz odjern hemm divergenza totali bejn il-fatti kif sottomessi mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u l-fatti kif sottomessi mill-imputat li ghazel li jixhed. Bazikament, l-unika fatt li l-partijiet jaqblu fuqu huwa li xi darba, snin ilu, l-imputat silef LM1000 lil Marvin McKay, u bhala rahan ha gizirana tad-deheb, u li ma sar xejn bil-kitba. Il-Qorti ha tiddeskrivi fil-qosor il-verzjoni tal-Prosekuzzjoni u l-verzjoni tad-Difiza.

*Il-Verzjoni tal-Prosekuzzjoni*

1. Marvin Mckay, li kellu bar u restaurant il-Belt Valletta qal lil habib tieghu Alfred Zammit, li ghandu problemi finanzjarji u ghandu bzonn jissellef LM1000. Zammit introducieh mal-imputat sabiex dan ta' l-ahhar isellfu l-flus;

2. Zammit nehha gizirana tad-deheb li kellu fuq ghonqu u ta lill-imputat bhala rahan biex dan isellef LM1000 lil Mckay. Pero, Zammit xehed li qal lill-imputat biex ma jbieghhx il-gizirana. Skont Zammit din il-gizirana kienet tiswa LM1,700.

3. Skont ix-xhieda ta' Zammit u McKay, dan gara 5 jew 6 snin qabel ma ghamel ir-rapport lill-pulizija. Peress li r-rapport sar f' Novembru 2008[2], dan ifisser li dan is-self bir-rahan tal-gizirana sar bejn l-2002 u l-2003.

4. Skont McKay, hu u l-imputat kienu ftiehmu fuq l-imghaxijiet, pero ma ftakarx kemm kienu. Ftakar illi kienu ftiehmu li hu jaghti pagament ta' Lm200 lil Zammit, sakemm jaqta' s-somma u l-imghaxijiet. Pero ma kien isir xejn bil-kitba.

5. Fil-bidu McKay beda jhallas il-LM200 fix-xahar, izda mbaghad waqa lura ghal LM100 fix-xahar.

6. Mckay xehed li tlett (3) snin wara li sar il-ftehim huwa talab il-gizirana lura lill-imputat, pero l-imputat qallu li *"il-gizirana spiccat"* u kien ghad fadallu jtieh LM400.[3]

[2] Ara fol. 18 tal-process.

7. Mckay xehed li hu f'dawn it-tlett (3) snin jikkalkula li ta lill-imputat LM4000.[4] McKay jghid ukoll li illum il-gurnata kien fallut u kellu *"kaz ta' nofs miljun ma' sitta min-nies ohra."*

*Il-Verzjoni tad-Difiza*

1. L-imputat xehed li hu irtira mix-xoghol tieghu ta' barbier ghal habta tal-1998 jew 1999. Meta kien jahdem u gieli kien imur jiekol jew jixrob fil-bar u restaurant ta' Mckay.

2. Xi sentejn qabel ma irtira – allura ghal habta tal-1996/1997 – McKay qal lill-imputat li kellu bzonn il-flus. Zammit kien prezenti waqt din id-diskursata. McKay ta lill-imputat gizirana hoxna tad-deheb biex jisilfu fuqha, u Zammit sellfu l-Lm1000. Fl-istqarrija, l-imputat jghid li hu kien sellef din is-somma lil McKay bla imghaxijiet, *"bhala pjacir"*[5].

3. McKay beda jhallsu Lm25 fix-xahar u wara li kien tah lura Lm400 ma baqghax ihallsu iktar. Xi sentejn jew sentejn u nofs wara s-self,[6] - jigifieri ghal habta tal-1998/1999 - l-imputat talab il-permess ta' Mckay biex ibiegh il-gizirana ghal prezz ta' Lm500, kif fil-fatt ghamel.

4. Wara li l-imputat biegh il-gizirana, McKay kien ghad fadallu jtih xi Lm100, imma l-imputat qata' qalbu li jehodhom lura.

5. F'Dicembru 2008, l-imputat jghid li cempillu Zammit u talbu l-gizirana. L-imputat wiegbu li kien bieghha u li ma kienx jaf li l-gizirana kienet tieghu, i.e. ta' Zammit. F'dawn is-snin kollha Zammit qatt ma kien kellmu fuqha.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

[3] Ara xhieda ta' Marvin McKay a fol. 27 tal-process.
[4] Ara xhieda ta' Marvin McKay a fol. 28 tal-process.
[5] Ara xhieda tal-imputat a fol. 76 tal-process.
[6] Ara x-xhieda tal-imputat a fol. 79 tal-process.

Dan il-kaz jrid jigi determinat fuq il-kredibilita tax-xhieda, ghax kif diga' inghad, il-partijiet jghidu li ma sar xejn bil-miktub, la meta sar is-self, u lanqas meta saru pagamenti akkont. Frankament il-Qorti issibha difficli biex temmen kemm lil Mckay li ma kienx qed izomm rendikont ta' dak li kien qed ihallas, imma cert li hallas LM4000 lill-imputat, kif ukoll issibha difficli li temmen lill-imputat li ma kienx qed izomm rendikont ta' dak li kien qed jircievi, pero jaf li bejn wiehed u iehor Mckay hallsu Lm400.

Il-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet fir-rigward tal-verzjoni tal-Prosekuzzjoni:

1. Zammit u Mckay jghidu li s-self sar fl-2002 jew 2003. Dan ifisser li meta sar is-self, l-imputat kien diga pensjonant. Il-Qorti issibha difficli li temmen li pensjonant sejjer isellef Lm1000 lil persuna li ftit li xejn kien jafha – anki jekk ghall-grazzja tal-argument biss, din il-Qorti kellha taccetta li s-self sar bi ftehim dwar l-interessi. Huwa aktar verosimili dak li xehed l-imputat li huwa sellef dawn il-flus, meta kien ghadu jahdem ghal rasu u qabel ma rtira.

2. McKay xehed li wara tlett snin li sar is-self, huwa talab il-gizirana lura lill-imputat, u dan qallu li l-gizirana kien bieghha. Ma sar l-ebda tentattiv sabiex tinghata spjegazzjoni ghaliex Mckay dam sentejn jekk mhux tlett snin sabiex jinforma lil Zammit b'dan. F'kaz, li Mckay informa lil Zammit b'dan mill-ewwel – ghax dan ma jirrizultax mill-provi – allura il-Qorti ma tistax tifhem ghalfejn Zammit dam sentejn/tlieta ohra biex jiehu azzjoni.

3. Fi kwalunkwe kaz, anke jekk ghal grazzja tal-argument il-Qorti kellha taccetta bhala veritiera l-verzjoni ta' Zammit u McKay li s-self sar fl-2002/2003, u li l-gizirana kienet ta' Zammit, allura il-Qorti ma tistax tifhem ghaliex Zammit ma kienx qed jiehu interess fil-pagamenti li kien qed jaghmel McKay lill-imputat, biex fl-ewwel lok jara li McKay jonera l-obbligi tieghu, u fil-kaz li McKay, kien qed jigi abbuzat mill-imputat, ghax dan kien qed jithallas bl-uzura, jirrapportaw dan il-fatt lill-pulizija, kif kien pront ghamel meta sar jaf li l-imputat biegh il-gizirana. Is-silenzju assolut u l-inattivita assoluta ta' Zammit ghal snin shah – li kellu l-ikbar interess ghax skont hu silef gizirana tiswa Lm1,700 lil McKay – jimminaw il-kredibilita tal-versjoni tal-prosekuzzjoni.

4. Imbaghad hemm il-kwistjoni tal-valur tal-gizirana. Zammit jishaq kemm-il darba li din kienet tiswa Lm1,700. Pero l-ircevuta li giet ezebita mill-Prosekuzzjoni[7] rilaxxata minn hanut tad-deheb fis-27 ta’ Marzu 2002 turi pagamenti mensili ghal gizirana tad-deheb li fit-total jammontaw ghal Lm1,520. Din l-ircevuta ma giet konfermata bil-gurament minn hadd u lanqas hemm xi isem ta’ persuna fuqha u ghalhekk din mhix prova sufficenti, certament mhux fil-kamp penali, li l-gizirana kien xtraha Zammit.

5. Anki jekk wiehed kellu jghid, ghal grazzja tal-argument biss, li l-gizirana kienet tappartjeni lil Zammit, mill-ETC Employment History ta’ Zammit jirrizulta li bejn is-snin 1997 u 2007, Zammit kien qieghed, u fl-okkazzjonijiet l-ohra fejn hadem, ix-xoghol tieghu kien ta’ *labourer.* Allura tqum wahedha d-domanda, kif Zammit li kien qieghed u li meta hadem, hadem ta’ *labourer,* kellu flus bizzejjed fis-sena 2002 biex jixtri gizirana tad-deheb tal-valur ta’ Lm1520.00? Fil-fatt Mckay stess jammetti in kontro-ezami, li hu ma talabx lil Zammit biex isellfu ghaliex kien jaf li Zammit ma kellux flus,[8] u wiehed irid jiftakar li skont dawn it-tnejn min-nies, is-self sar ghal habta tas-sena 2002 jew 2003.

6. Ftit qabel Zammit ghamel ir-rapport tieghu dwar dan il-kaz, kienet saret investigazzjoni fuq talba ta’ Mckay, dwar xibka ta’ nies li jisilfu l-flus bl-uzura, li fiha kien involut Mckay, u kellu dejn ta’ mijiet ta’ eluf ta’ Euro. Fil-fatt McKay semma diversi persuni li selfuh bl-uzura, pero l-imputat ma kienx wiehed minnhom. Fil-fatt ittiehdu proceduri kriminali kontra xi sitt persuni fuq din il-kwistjoni.[9] F’dawn il-proceduri, Mckay jallega li l-imputat kien sellfu bl-uzura. Pero din l-allegazzjoni tieghu mhix kredibbli fid-dawl tal-fatt li McKay ma indikax lill-imputat bhala wiehed mill-persuni li selfu bl-uzura fl-investigazzjoni li saret ftit qabel dan il-kaz mill-Pulizija dwar persuni li kienu selfu lil McKay bl-uzura, u li McKay stess identifika.

F’dan l-istat tal-provi, certament ma jistghax jinghad li l-Prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp penali, cioe lill’hinn minn kull dubbju ragonevoli.

---

[7] Ara fol. 44 tal-process.
[8] Ara fol. 51 tal-process.
[9] Ara xhieda tal-Ispettur Ivan Cilia a fol. 57-58 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u qed tilliberah minnhom.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------